*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 7**

**L-Erbgha 11 ta' Dicembru 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Janice Falzon –Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

| | |
|---|---|
| **7.1** | ***<u>Qari t'aploġija:</u>***<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija. |
| **7.2** | ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa li saret Nhar L-Erbgħa 13 ta' Novembru 2024:</u>*** |
| **7.2.1** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 7 artiklu 6.9.2 fejn qal li għandha tinbidel kif ġej:<br><br>''Jipproponi li jsir dawl ġdid fuq il-moll il-ġdid ta' Triq San Ġorġ." |
| **7.2.2** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 6.3.3 fejn qal li għandha tinbidel kif ġej:<br><br>''Il-Kunsillier John B Camilleri qal illi peress li għadna konferma nistgħu nitolbu lil Perit jibgħatilna zewġ stimi waħda biex taqa u tinbena u l-oħra biex tiġi rrenġata.'' |
| **7.2.3** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 5 artiklu 6.4.3 fejn qal li għandha tinbidel kif ġej:<br><br>"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li l-family park jaqa taħt Project green bħala manutenzjoni tal-family park li huwa membru tiegħu u rrapurtah diversi drabi." |
| **7.2.1.1** | **Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **7.2.2** | **<u>Matters arising tal-laqgħha tal-Kunsill li saret Nhar l-Erbgha 13 ta' November 2024:</u>** |
| **7.2.2.1** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 6.3.4.2 fejn qal illi l-bus stop fi Triq San Ġwakkin saret. |
| **7.2.2.2** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 artiklu 6.5 fejn staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech sabiex jispjega ftit x'ġara fuq il-kwistjoni tat-tipping fees.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu kellem lid-Direttur Ġenerali fejn infurmah illi kellu problema anke f'lokalitajiet oħra u ddeċidew illi mis-sena 2025 m'humiex ser jgħaddu allokazzjoni lil Kunsill bħala tipping fees izda ser jgħadduha dirett lir-Reġjun u b'hekk il-problema li l-Kunsilli Lokali jkollom iħallsu iktar mill-allokazzjani tal-Gvern Ċentrali mhux ser tibqa.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-istess kliem intqal fil-laqgħa mas-Sindki l-oħra u kienet uġieħ ta' ras kbira għal kulħadd. |
| **7.2.2.3** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 6.2.2.5 jekk inxtrawx il-washingtonia.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal iltaqa mas-Sur Cuschieri ic-CEO ta Project Green u ser jgħamluhom b'xejn min-naħa tagħhom. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku qal illi hemm biċċiet minnhom iridu jinqalgħu bil-makkinarju u ser ikun hemm bzonn li jitranġaw il-kurduni wara li jinqalgħu izda f'dak il-kaz nutilizzaw il-kuntrattur tal-Kunsill. |
| **7.2.2.4** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 artiklu 6.2.2.6 fejn staqsa min ser attendi għal-laqgħat tal-impjant tal-Wasteserv u tal-WSC.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser jibda jattendi il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri. |
| **7.2.2.5** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 4 artiklu 6.3.3 u staqsa jekk il-Kunsill irċiviex risposta fuq x'ser jiġri mill-pixxina.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi sa issa ma rċivejniex risposta. |
| **7.2.2.6** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa lil Kunsillier is-Sur John B Camilleri x'ser isir fuq id-dawl tal-Bidni.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm kaz ta qtugħ ta dawl li issolva pero' jekk il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għandu xi toroq li jaf li jinsabu bla dawl tajjeb li jinfurmah.<br><br>Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi minn Triq il-Ġemmugħa meta iddur għal Bidni hemm dlam ċappa.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm lanqas biss għandhom linji u l-Kunsill ma jistgħax jagħmel dawl f'kull triq li hemm fin-Non urban.<br><br>Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hemm wisq dlam u ħafna nies juzaw dik it-triq. |
| **7.2.2.7** | Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi jekk tittranġa iz-zona ta' fejn il-ġibjun, in-nies ta' Bellavista ikollhom fejn jipparkjaw għaliex bħalissa hemm munzell ġebel u jekk ineħħuh iż-żona tkun tista tiġi utiliżżata bħala parkeġġ. |
| **7.2.2.8** | Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi tkellmet mas-sid tal-ħanut Legends li jinsab fil-Bajja San Tumas minħabba li ħdejh hemm telephone box li kien hemm qbil li issir librerija. Is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi hu qalilha li prova jaħdem fuqha pero ġie imwaqqaf min naħa tal-Go.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din m'għandix linja.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi apparti l-go ahead mill GO, wara jekk isiru alterations trid tiddaħħal DNO ġewwa l-PA sabiex tinfurmhom li din ser tinbidel minn letter box għal-librerija.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Celine Camilleri qalet illi sid il-hanut lest li jagħmel ix-xogħolijiet min-naħa tiegħu.<br><br>Kien hemm qbil li nitolbu lil Go sabiex ituna l-go ahead li naħdmu fuqha. Wara nqabbdu lil Perit idaħħal DNO fuq it-tibdiliet li jkunu ħa jsiru. |
| **7.2.2.9** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 2 artiklu 6.2.2.2 u staqsa jekk għandniex il-kenniesa kollha.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li jonqos wieħed pero qed isir xogħol tajjeb ħafna. |
| **7.2.2.10** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq 6.2.2.8 paġna 3 fejn qal li sab restawratur fejn għandu karru li jistgħa jġorr dan il-kajjik u qed nistennewh itina stima. |

| | |
|---|---|
| **7.2.2.11** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 6.5.1 u qal illi t-trakkijiet tal-iskart kellu jkollhom is-servizz tad-data trak.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kuntrattur is-Sur Adrian Vella ha t-tender u fil-kuntratt kellu miktub li kellu jagħmel id-datatrak u hekk għamel pero hu ma jiġborx biss bit-trakkijiet tiegħu u allura it-trakkijiet tas-subcontractors ma kellhomx datatrak fit-truck tagħhom.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill kien f'zvantaġġ għaliex kien qed iħallas fondi zejda fuq kuntratt li ma kienx fil-kontroll tiegħu peress li l-amminsitrattur tal-kuntratt huwa ir-Reġjun. Issa din ir-responsabbilta' mill-bidu tas-sena 2025 ħaduha fuqhom ir-Reġjun u l-Kunsill m'għandux għalfejn jinkwieta aktar. |
| **7.2.2.12** | Il-Kunsillier is-Sur Charlot qal ħdejn id-dar tax-xjuħ ħdejn l-isparkle image hemm ħaxix fuq il-bankina li qed jizloq.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi trid tintefa kimika apposta. |
| **7.2.2.13** | Il-Kunsillier Dr Errol Cuatjar staqsa fuq pagna 6 artiklu 6.9.1 jekk kellniex feedback.<br><br>Is-Sindku qal illi kellimna s-Sur Ivan Pierre Vella li nforma lis-Sindku li l-Ministru ħabbar li ser izidu rotta. |
| **7.3** | **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>** |
| **7.3.1** | **<u>Proposta f'Marsaskala ta'  Dar għal anzjani ħdejn il-pompa tal-Petrol:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser niggwadanjaw 100 parkeġġ jekk isir dan l-izvilupp pero sa issa għad ma hemmx pjanti u allura hemm bzonn li jkollna dawk qabel ma nieħdu deċiżjoni.<br><br>Dr Errol Cutajar qal li la għad ma hemmx applikazzjoni ma nistawx nesprimu ruħna la aħna u lanqas ir-residenti allura la jkun hemm applikazzjoni nkunu nistgħu niddiskutu fuqha.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li din hija issue delikata ħafna u irridu noqogħdu attenti.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi meta kellem mal-Perit tal-izviluppaturi qallu li ma għamlux pjanti sabiex jekk ikun hemm xi suġġerimenti nkunu nistgħu ngħadduwom lilu qabel isiru.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi aħna nistgħu nitolbu li jkollna rapprezentanza fil-bord tad-deċizjonijiet tal-planning. |
| **7.3.2** | **<u>Proposta ta' traffic management fi  Triq tal-Gardiel kantuniera ma Triq il-Vjola:</u>**<br><br>Segretarju Ezekuttiv qal illi biex issir roundabout irid ikollok turning circle ta' scammel u allura trid turi li għandek bizzejjed area u din iz-zona mhijiex kbira bizzejjed għalhekk ir-roundabout ma tistax issir. |
| **7.3.3** | **<u>Tappiera ħdejn ir-riċiklaġġ:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja flimkien mall-Kunsillier is-Sur John B Camilleri marru l-water works u kellmu lic-CEO dwar din il-problema fejn hu bagħat lin-nies u ġiet riżolta. |
| **7.3.4** | **<u>Crash barrier fi Triq il-Bajja ta' San tumas:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Perit ta' Infrastructure Malta is-Sinjura Janice Borg qalet illi ser issir din il-crash barrier min-naħa tagħhom. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jissugerixxi li nhallu zewġ entraturi għal garaxijit u hi titwal u jsiru zewġ tabelli biex jgħinu lis-sewwieqa.<br><br>Kien hemm qbil li nkellmu lil Perit  Janice borg bis-suġġerimenti tagħna. |
| 7.3.5 | **<u>Inkwatri għal Kunsill:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi saru l-frames tar-ritratt tal-aħħar zewġ leġislaturi u ġew jiswew € 40 il wieħed u staqsa jekk jistgħux isiru s-seba l-oħra l-istess.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| 7.3.6 | **<u>Laqgħa mall-Kunsill taz-zagħzagħ u tfal:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li hu flimkien mall-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri attendew ghal-laqgħa mall-Kunsill taz-zagħzagħ u tkellmu sabiex fil-laqgħa li jmiss jiġu l-membri tal-Kunsill taz-zagħzagħ u tfal waqt il-laqgħa tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi hemm bejn 12 u 16 ir-ruħ. |
| 7.3.7 | **<u>Xogħolijiet f'San Tumas:</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu kellu laqgħa ma Infrastructure Malta fuq upgrading tal-Fajtata u dawn ha jeqilbu kollox ta taħt  fuq bil-bandli b'kollox minn ħdejn l-għalqa fejn hemm is-sensi, Ġnien David Vella, l-gym li għamilna u l-kids area u ser jgħamlu kollox huma. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu fuq suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qalilhom biex jgħamlu xi ħaġa għal anzjani u qal ukoll illi ssemmiet ukoll il-possibilta' li issir ġibja.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal ukoll illi l-Kunsill sab problema fil-parking area f'San Tumas fejn kienet topera l-kiosk bl-imwejjed u siġġijiet.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dak il-kiosk kien qed jopera illegalment u dan kien qed ikollu multi kuljum mill-PA. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill waqfulna l-permess biex ngħamlu l- monument u qalulna biex nħallsu l-multi meta dawn il-multi ma kienux tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef  Grech staqsa lill Kunsillier Dr  Errol Cutajar illi minkejja li l-Kunsill qatt ma kien rċieva avviz ta nfurzar,  kif jista jkun il-PA twaqqaf DNO tal-Kunsill?<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal dik tkun bejn il-Lands Authority u l-okkupant lanqas mill-PA.<br><br>Il-Kunsillier Is-Sinjura Beverly Saliba staqsiet jekk qadtx tajna xi approval biex din tkompli topera.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi qabel din il-persuna kienet tiġi il-Kunsill tagħmel il-permessi u topera sakemm mbagħad ħarġet din l-infurzar u l-Kunsill waqaf jgħamlila permessi u din baqgħat topera xorta pero l-Kunsill ma kienx parti minn din id-deċizjoni.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi fuq il-gym li sar kellu naqa ilmenti illi mhuwiex daqshekk aċċessibli għan-nies ta kuljum li jkunu jridu jgħamlu ftit ezercizju għaliex dak il-gym hu għal nies aktar atletici. Il-Kunsill għandu jkellem lil Infrastructure Malta sabiex fil-kaz li jkun ser tizdied gym area oħra issir b'apparat li jista jintuza minn kulħadd. |
| 7.4 | **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija. |

| | |
|---|---|
| **7.5** | **Rapporti**<br><br>Ma kienx hemm rapport. |
| **7.6** | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**<br><br>Ma kien hemm items oħra. |
| **7.7** | **Korrispondenza:** |
| **7.7.1** | **Loading/unloading bay (35/3306/24/I):**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan il-persuna jrid li jkollu un/loading bay quddiem is-supermarket li ser jiftaħ daqt u din l-un/loading bay hija bzonjuza ħafna.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk dan huwa akbar min 80 mtrs squared suppost jipprovdi l-parkeġġ tiegħu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jħoss li din it-triq għandna nagħmluha one way.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hemm inkonvenjent ieħor li huwa tal-ħsejjes tar-refrigiration tal-van għar-residenti<br><br>Kien hemm qbil li nistaqsu l-ħinijiet li applika għalihom u jekk il-ħinijiet ikunu ta erba siegħat filgħodu u erba wara nofsinhar u ma jinkludux il-lejl, il-Kunsill jibgħat li jaqbel. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ser imur jitawwal it-toroq tal-madwar sabiex naraw liema toroq għandhom isiru one way. |
| **7.7.2** | **CCTV Bidni (35/3525/24/I):**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jħoss li din il-kamera hi bzjonjuza ħafna għaliex qed isiru wisq inċidenti.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta kamera tkun privata l-Kunsill jaqla 10% tal-ammont tal-multi.<br><br>Kien hemm qbil li issir din il-camera. |
| **7.8.1** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**<br><br>***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.*** |
| **7.9** | **Mozzjonijiet** |
| **7.9.1** | **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (016-4/11/24):**<br><br>''Jipproponi li jsir dawl ġdid fuq il-moll il-kbir ta' San Ġorġ.''<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |

| | |
|---|---|
| **7.9.2** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (017-9/11/24):</u>**<br><br>''Jipproponi li nitolbu lis-sid tal-plot vojta ta' Triq il-Granmastri k/m Triq is-Sallur sabiex jerġa jibni il-ħajt għax zvara u qiegħed ta periklu":<br><br>Kien hemm qbil li nkellmu lis-sid. |
| **7.9.3** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (018-9/11/24):</u>**<br><br>"Jipproponi li fi Triq Frans Grech nagħmlu mera zgħira lejn buzbiez":<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **7.9.4** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Mr John B Camilleri (019-19/11/24):</u>**<br><br>"Jipproponi li jkollna mobile u nuzawh mill-*customer care* bil-*whatsapp* minħabba ilmenti varji:"<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din is-sitema qed tintuza min ħafna Kunsilli biex b'hekk l-ilmenti jmorru kollha fuq dan il-mobile u jkollna record tagħhom u jkollna anke ritratti ta xogħolijiet li jkunu saru.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li jintuza għal problemi tad-dawl fil-lokalita'. |
| **7.9.5** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Mr John B Camilleri (020-28/11/24):</u>**<br><br>"Jipproponi li l-Kunsill jiehu iktar bis-serjeta' l-abbuz li qed isir fil-Bandli Mifsud Bonnici.<br><br>1) Abbuz min ipejjep quddiem it-tfal<br>2) Ħafna stabbilimenti qedin joħorġu mwejjed u siggijiet il-barra minn dak stabbilit.<br>3) Stabbilimenti qegħdin joħorgu kaxxi tal-logħob il-barra iktar min dak stabbilit."<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'dan il-bandli sar jara wisq abbuz u hemm bzonn li jkun hemm aktar dixxiplina li min hemm nibdew induru postijiet oħra.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-Kunsill jistax ikun jaf kemm dawn jistgħu joħorġu l-barra.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi qabel kull applikazjoni kienet tiġi diskussa quddiem il-Kunsill pero issa saret tgħaddi għand l-assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu ma jistax jifhem kif il-Kunsill m'għandu l-ebda tip ta informazzjoni dwar dan.<br><br>Kien hemm qbil li nibgħatu lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u nsaqsu għal informazzjoni. |
| **7.9.6** | **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (021-3/12/24):</u>**<br><br>''Filwaqt li l-equipment li sar f'parti mill-leisure park tal-fajtata ġie veru sabiħ u stupend, biss dan ma jistax jidgawda min-nies ta' eta avvanzata għalhekk qed jipproponi li l-parti l-oħra ta' ħdejha tigi irranġata u jsir xi apparat li jkun jista jidgwada ukoll min nies ta' eta aktar matura":<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |

| | |
|---|---|
| **7.9.7** | **<u>Pupillu:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi ser issir promozzjoni kf nedukaw it-tfal u l-adulti kif izommu ambjent aktar nadif.  Is-Sinjorina Camilleri qalet illi din ser titella fuq facebook. |
| ➢ | ***<u>Il-Kunsllier is-Sinjorina Celine Camilleri ħarġet mil-laqgħa fis-7:32pm.</u>*** |
| **7.10** | **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:</u>**<br><br>L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7:35pm.  Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Hamis 9 ta' Dicembru 2024 fis-6.00pm.<br><br>Ikkonfermat illum 11 ta' Dicembru 2024.<br><br>**IFFIRMAT** **IFFIRMAT**<br><br>_______________ _______________<br>**Josef Grech** **Mario Calleja**<br>**Segretarju Ezekuttiv** **Sindku**<br><br>Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 7 id-Disa Leġislatura. |